



# Aħbar Tajba

Eż 3, 1-8a.13-15
Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.8 u 11
1 Kor 10, 1-6.10-12
Lq 13, 1-9

"Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel. **Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott."**

Darba kien hemm irkant twil b'ħafna affarijiet minn dar mill-ikbar nett. Fost il-ħafna affarijiet f'dan l-irkant kien hemm ukoll vjolin żgħir u ftit żdingat. Kien ilu sew ma jintuża, skurdat u mimli trab. L-irkantatur basar li mhux se jġib wisq flus u allura staqsa biex jibda b'Ewro. Xi ħadd offra tnejn u bit-tqanżiħ kien hemm xi ħadd li offra tlieta. Imma kif kien se jħabbat il-martell, tela ħdejh raġel anzjan, qabad il-vjolin, mesħu sew u b'ħila liema bħala kkurdah. Kif lesta beda jdoqq melodija mill-isbaħ tant li rnexxielu jemozzjona lil kulħadd. Minnufih qam wieħed li offra elf ewro. U dan ma kienx l-unika wieħed. Tgħidx kemm kien hemm offerti! Dak l-anzjan, bil-paċenzja tiegħu, ħareġ is-sbuħija moħbija ta' dak l-istrument!

Kemm nieħdu gost meta jerġgħu jagħtuna ċans ieħor! Forsi l-għalliema tiġbdilna l-attenzjoni fuq xi ħaġa biex darb'oħra mmorru aħjar, jew il-paċenzja li jieħu l-*coach* sakemm l-imbierek ballun minn ħdejna jmur fix-xibka u mhux band'oħra. Ħadd minna ma jitwieled lest u kapaċi għal kollox. Dak li aħna kapaċi nagħmlu hu frott tal-paċenzja ta' dawk ta' madwarna kif ukoll tal-perseveranza tagħna.

Il-Vanġelu tal-lum irid iwasslilna dan il-ħsieb. Kollox jibda minn idea ħażina li kellhom ħafna Lhud, li mard u tbatijiet kbar jiġru lil nies li kienu dinbu kontra Alla, filwaqt li dawk li jobdu l-kmandamenti tiegħu jippretendu li jgħixu ħajja komda u kwieta. Allura ħallihom jgħidu kontra n-nies meta dawn jiġrilhom xi ħaġa. "Min jaf x'għamel?!" kienu jistaqsu filwaqt li jitkażaw wieħed bl-ieħor. Imma Ġesù ma joqgħodx idur mal-lewża, ħadd m'għandu għaliex jitkaża għax kollha niżbaljaw. Kollha rridu noqogħdu attenti x'ngħidu u x'nagħmlu.

Għalhekk Ġesù jirrakkonta storja qasira imma li tħallik taħseb. Wieħed sid ta' għalqa, sinjur li kultant jara li kollox miexi sew fl-għadd ta' għelieqi tiegħu, jinduna li hemm siġra li qed tieħu ħafna minn għandu imma frott ma troddx lura. Għalhekk isejjaħ lill-ħaddiem biex jaqlagħha. Imma dan, jagħti parir differenti lis-sid, u jgħidlu biex minflok jaqlgħuha jħalluha sena oħra. Mhux talli ma jaqlagħhiex, anzi, se jieħu ħsiebha ftit aktar mis-sigar l-oħra!

Hekk jagħmel magħna Alla! Meta l-frott tagħna jonqos mhux talli ma jibgħatilnix xi kastig, imma jibgħatilna f'ħajjitna opportunitajiet biex nibdlu ħajjitna.

## Sib il-Kelma

Fost dawn l-ittri t'hawn taħt għandek issib moħbija ħmistax-il kelma marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib dan il-kliem mistur:

**ĠESÙ, GALILIN, PILATU, MIDINBIN, TORRI, SILWAM, SIĠRA, ĠERUSALEMM, TIN, FROTT.**



| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | GĦ | T | A | R | G | T | I | N |
| I | P | T | I | N | IE | A | Ġ | E | L |
| Ġ | E | R | U | S | A | L | E | M | M |
| R | U | Ż | U | I | P | I | S | I | D |
| A | Ġ | GĦ | V | L | Ħ | L | Ù | D | W |
| T | S | I | L | W | O | I | IE | I | T |
| O | S | E | G | A | R | N | Ċ | N | O |
| R | A | V | H | M | E | J | D | B | R |
| F | R | O | T | T | O | R | R | I | P |
| Ż | GĦ | P | I | L | A | T | U | N | I |

**Agħti l-kulur**

Fis-silta tal-lum Ġesù jurina kemm jixtieq li kollha kemm aħna nagħmlu l-frott. Wara li tagħti l-kulur lil din is-siġra, ikteb ftit x'tip ta' frott tista' tagħmel f'ħajtek.



## Wasalna Nofs Triq..... Ma nafx x'nista' nagħmel iktar!



### TALB

Jien nitlob kuljum għall-ġenituri u ħuti, għall-għalliema,
għan-nanniet, u għal sħabi. ***X'nista' nagħmel iktar?***

Tista' titlob għal xi ħadd li jdejjqek jew li għamillek xi ħaġa u ssibha diffiċli biex taħfirlu.

### SAWM

Jien nipprova ma niekolx ħelu nhar ta' Ġimgħa matul ir-Randan. ***X'nista' nagħmel iktar?***

Tista' tipprova ssum billi tnaqqas il-ħin minn xi ħaġa li tħobb bħall-użu tal-kompjuter, *tablet*, u *playstation*.

### KARITA`

Jien nitfa' xi ħaġa tal-flus fil-karus tal-karita`, imma ma tantx għandi flus. ***X'nista' nagħmel iktar?***

Tista' tagħmel karita` billi tilgħab ma' xi ħadd li l-oħrajn iwarrbuh u tħeġġiġhom biex jinkluduh fil-grupp.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**